**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Ahmed Al Jolsi**

**Kumpilazzjoni Numru: 492/13**

**Illum, 26 ta' Settembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Al Jolsi detentur tal-karta tal-identita` numru 235005L.

Akkuzat talli:

> F'dawn il-Gzejjer, f'**Lulju 2012** u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwru bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu tal- kumpanija ARRIVA Malta Limited.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti;

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li bija hareg l-Artikoli li fuqhom hjahseb li ghandha tinstab htija u cioe`:-

- Fl-artikoli 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 532A u 532B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
- Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xiehda migbura u d-dokumentazzjoni hemm annessa;

Semghet ukoll illi l-imputat kien impjegat tas-socjeta` Arriva Malta Ltd bhala xufier tal-linja u l-kwistjoni qamet meta d-dirigenti tas-socjeta` indunaw li kien hemm xi divergenzi fid-dokumentazzjoni li kien issottometta l-imputat bhala wahda mid-doveri tieghu ta' xufier. Fil-fatt ix-xhud **Carmen Galea** bhala rapprezentanta tal-Arriva qalet illi huma kienu kellmu lill-imputat f'Jannar tal-elfejn u tnax (2012) fejn kienu kkonfrontawh bid-diskrepanzi u bil-fatt illi huwa kellu jaghtihom is-somma ta' elfejn u tliet mitt Ewro u erbgha u teltin centezmu (2,300.34) fejn huwa kien ammetta u b'hekk hallas minnhom is-somma ta' tliet mija u sitta u tletin Ewro u tmintax il-centezmu (336.18) u l-kumplament kellu jhallashom mitt Ewro (100) fix-xahar. Hija tghid illi wara dan l-imputat kien tella' kont iehor u b'kollox gie ghas-somma ta' erbat'elef, disa' mija u tnejn u tmenin Ewro (4,982) fejn dan kellu jhallashom is-somma ta' elfejn u tliet mitt

Ewro (2,300) f'Lulju tal-elfejn u tnax (2012) u l-kumplament kien ser jerga' jhallashom f'rati ta' mitt Ewro (100) fix-xahar. F'Awwissu kienu regghu intebhu illi rega' kien gholla l-ammont ghal sebat elef, erba' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (€7,422.12). F'dan tal-ahhar ma ammettiex u ghalhekk telaq mix-xoghol.

Ix-xhud spjegat is-sistema li biha kienu jridu jahdmu ix-xufiera meta jbieghu il-biljetti, u cioe` wara li jispicca x-xift taghhom kienu jridu jmorru jippancjaw fl-i*scanning machine* ovvjament l-ammont ta' biljetti li kienu bieghu tul il-gurnata. Hija tghid ukoll illi bhala sistema ta' *checks* huma ghandhom is-sistema li jghidulha *TISIS* u din kienet taghtihom id-dettalji kollha tax-xufier, fuq liema vettura kien u kemm il-biljett biegh. U wara li sar dan l-ezercizzju li huma setghu jaslu ghall-ammont. (ara dokument CG1).

Illi jidher mill-istess dokument CG1 a fol tnejn u goxrin (22) illi l-imputat ammetta li kellu jaghti s-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2,682.48) tant li ffirma kuntratt mal-kumpannija Arriva.

Illi l-ispettur **Jonathan Ferris** fix-xhieda tieghu a fol mija u sebgha u erbghin (147) qal illi kull xufier kien ikollu PIN fejn dan kien idahhlu meta jibda r-rotta tieghu sa meta tispicca u din is-sistema kienet turi wkoll in-numru ta' biljetti li nbieghu u ghalhekk meta x-xufier kien jispicca x-xift kien jerga' idahhal il-PIN

tieghu u ghalhekk ikun jista' johrog *Z reading*. Ghalhekk il-flus li kien jaghti l-imputat fl-ahhar tal-gurnata kellu jaqbel mal-ammont fil-*Z reading*.

Ix-xhud **Patrick Cassar** mill-kumpanija Arriva li kkonferma l-operat tas-sistema tal-Arriva u hareg ukoll illi l-imputat kellu xi problemi ta' self bl-uzura.

Finalment, xehed l-imputat **Ahmed Al Jolsi** fit-tnejn (2) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) fejn b'mod konfuz hafna kompla jinnega li kellu jaghti s-somma ta' oltre sebat elef ewro u jghid illi kellu jaghti is-somma ta' aktar minn elfejn ewro lis-socjeta` Arriva mhux ghax kien ha l-flus izda ghax dan kien ghamel kuntratt ta' self maghhom. Illi huwa jghid illi xi *inspectors* kienu qabdu mieghu meta ghamel perjodu ta' *sick leave* u ghalhekk qeghdin jitolbuh dawk il-flejjes u li kemm-il darba l-magni kienu jkunu ma jahdmux sew.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Artikolu li jikkontempla ir-reat ta' mizapproprjazzjoni huwa l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi s-segwenti:-

> ***"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jehel meta jinsab hati ......."***.

Illi skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li

gejjin: 1. ***"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun***". Jigi specifikat hawnhekk, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma ta' serq; 2. ***"Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe` tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita***"; 3. ***"Illi l-oggett irid ikun mobbli"***; 4. "***Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio***; 5. ***"Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".***

Dan hu proprju l-kaz ghaliex l-imputat zamm il-flejjes ghalih minkejja li kien jaf u ghadu jaf li huma dovuti lis-socjeta` Arriva.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino1 fejn dan spjega li :

> ***"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a***

> ***scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju **(vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997.)**

Illi hareg car illi l-flus li kien jiddepozita l-imputat wara li jispicca x-xift tax-xoghol kienu flejjes tas-socjeta` Arriva u li ghalhekk dawk il-flejjes li naqas li jaghti lura lis-socjeta` f'dawk ix-xhur huwa kellu d-dover li jaghtihom. Dan jidher mis-serje ta' dokumenti pprezentati mix-xhud Carmen Galea li juru kemm suppost iddepozita l-imputat fix-xhur in kwistjoni.

Illi l-Qorti ma temmen xejn il-verzjoni tal-imputat li ta fix-xiehda tieghu illi l-kuntratt illi huwa ffirma mas-socjeta` Arriva ta' xi elfejn ewro kien ghax kien issellef xi flus ghaliex hareg car mill-istqarrija tieghu (li wara kollox ittiehdet skond il-ligi u b'mod volontarju u bla kostrizzjonijiet) illi huwa kellu problemi finanzjarji u ghalhekk jispjega il-mottiv wara l-ghemil tieghu.

Illi kif intqal mis-socjeta` Arriva stess, dawn hallewh fl-impjieg wara l-ewwel kuntratt u l-uniku li ffirma sabiex huma jkollhom kontroll li jigbru l-flus dovuti lilhom izda wara li huwa reggha naqas milli jiddepizita l-flus li suppost iddepozita, huma tterminawlu l-impjieg.

Illi harsa lejn id-dokument a fol hmistax (15) tal-process jidher illi fix-xahar ta' **April** tas-sena elfejn u tnax (2012) l-imputat kellu jiddepozita s-somma ta' tmien mija u wehed u sittin ewro u tmenin centezmu (861.80) ghaliex dawk kienu l-bejgh ta' biljetti mentri fuq il-fatt huwa ddepozita biss is-somma ta' erba' mija u sbatax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€417.98) (€443.82 anqas). Fix-xahar ta' **Mejju** huwa ddepozita is-somma ta' elf mitejn u tnejn u

hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,252.88) mentri huwa kellu jiddepozita s-somma ta' elfejn erba' mija u erbgha u sittin ewro u sebghin centezmu (€2,464.70) (€1,211.82 anqas). Fix-xahar ta' **Gunju** huwa ddepozita is-somma ta' erba ' mija u sitta u tletin ewro u ghaxar centezmi (€436.10) mentri fil-fatt kellu jiddepozita s-somma ta' elf tliet mija u ghaxar ewro u ghoxrin centezmu (1,310.20) (874.10 anqas). Fix-xahar ta' **Lulju** tal-istess sena huwa kellu jiddepozita s-somma ta' seba' mija u sitta u hamsin ewro u erbgha u sittin centezmu (756.64) mentri huwa kellu jiddepozita s-somma ta' elfejn, mitejn u disgha u sittin ewro u hamsin centezmu (€2,269.50) (€1,512.86 anqas).

L-istess japplika ghax-xhur ta' qabel April elfejn u tnax (2012) li jekk tara x'ghandu jaghti l-imputat lill-kumpanija bhala nuqqas ta' depoziti mix-xahar ta' Settembru elfejn u hdax (2011) sax-xahar ta' April elfejn u tnax (2012) u wara li tnaqqas is-somma ta' elf mija u erbghin ewro u tmintax-il centezmu (€1,140.18) li kien radd lura l-imputat u meta tghoddhom mal-ammonti hawn fuq indikati, dawn jammontaw ghas-somma ta' sebat elef erba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€7,422.12).

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 293, 294 u 310 (1)(a), 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Ahmed Al Jolsi** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u stante li l-fedina penali tieghu hija kwazi netta qed tapplika l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u tikkundannah ghal

sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Il-Qorti qed timponi wkoll li ssir ir-restituzzjoni tal-ammont ta' sebat elef, erba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (7,422.12) li a bazi tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dawn ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur. Illi gialadarba dan l-ammont huwa wiehed konsiderevoli l-Qorti taghti fakulta` lill-imputat li jekk jilhaq ftehim mas-socjeta` Arriva dawn ghandhom jithallsu fi zmien itwal izda wara li jsir kuntratt appozitu mal-istess kumpannija.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**